# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Jacob Cachia

Illum 24 ta’ Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Jacob Cachia bin Christopher u Vanessa nee’ Bugeja imwieled fil-25/02/2004 u joqghod 59, Orchard Gold , Triq Pawlu Balzan, Zebbug. ID 73204L.

Billi int akkuzat talli fit-27 ta’ Lulju, 2023 ghall-habta ta’ 23.10 hrs f’Triq l-Imdina, H’Attard soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni GAK0BB;

1. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolmenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Chetcuti skond kif iccertifika Dr. Rebecca Zammit M.D. mill-M.D.H., Kap 9 Art 226(1)(c)

2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
5. U talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, nqast li jkollok kontroll shih tal-imsemmija vettura jew hallejt il-vettura wehidha bla ma hadt prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm iddum nieqes jew hallejt il-vettura wieqfa fit-triq jew li tkun immaniggjata b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' xi nkonvenjent ghall-pubbliku, L.S. 65.11 Reg 68;
6. U aktar talli inqst li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u taghmel sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek, L.S. 65.11 MVR 75;
7. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta' velocita, L.S. 65.11 MVR 127;
8. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura bil-mutur inqast li taghti d-dritta lil vetturi ohra li kienu qed jaghmlu uzu mir-roundabout, L.S. 65.11 Artiklu 82(2).
9. Inqast li tobdi l-ordni tal-Pulizija, meta gejt avzat bil-fomm jew b'avviz bil-miktub sabiex tattendi l-Ghassa tal-Pulizija jew f'xi post iehor indikat mill-Pulizija sabiex tipprezenta d-dokumenti mehtiega mill-istess Pulizija, Kap 9 Art 355 AD (3)(4)(5).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1)( c) 355AD (3)(4)tal-Kap 9 u art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65  fil-L.S. 65.18Art 36(B) LS 65.11MVR 75 LS 65 MVR 27 LS 65 .11 Art 82(2)u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 627 D Gauci1458 T-Tabiba Rebecca Zammit u Stephen Cachia** xehdu permezz ta` affidavit

<u>**Alexander Chetcutixehed hekk**</u>

Pros: Inti kotn involut f`xi incident tat-traffiku?

Xhud: Iva.

Pros: Mela ghidli daqxejn gara jekk tiftakar?

Xhud: Data ma niftakarx is-sena l-ohra gara 2023.

Pros: U fejn bhal triq gara l-incident?

Xhud: Central link between Mriehel Rabat fejn il-pompa tal-petrol tal-Pitstop.

Pros: Tispjegalna daqxejn x`gara?

Xhud: Dika kont ga qbiztha sewwa jiena sewwa, kont iktar il-fuq sejjer lejn ir-Rabat. Jiena kont għaddej fuq slow lane tal-tan-naħa tar-right, jiġifieri bejn between 50 and 70 kilometers per hour jiena ma kontx qed nsuq hafna żgur li le. Kelli klijenti miegħi għax jien kont bil-vann. Jiena driver. Orrajt. Sewwa jiġifieri konna kont għabbejthom mill-Evolution sejrin lejn ir-Rabat direzzjoni lejn ir-Rabat. Konnha mexjin bil-mod ifhimni 6 min-nies dak li dakinhar kelli ta' quddiem it-tnejn normali li kien ikollhi qabel ma telgħux. Għax niggarantilek jien dak inhar kien joqtolhomli żgur żgur mhux forsi. F'hin minnhom inħoss daqqa kbira fuq wara nsomma qabel xejn kien hemm BMW ieħor li dawn it-tnejn kienu qed isuqu flimkien, dan qabizni wieħed minnhom. Ħassejt il-vann jiċċaqlaq qed ngħidlek bir-riħ tiegħu stess il-vann beda jiċċaqlaq l-ieħor qabiżni u l-ieħor ta' wara li kien qed isuq miegħu ma setax jevitani bl-ispeed li kienu għaddejjin daħal ġo fija, tefghani ġol-ħajt in-naħa ta' fejn minn ħajt tas-sejjieħ ħbatt mal-ħajt mill-ħajt bdejt nipprova nżomm il-vann li ma jmurlix in-naħa l-oħra u mexxieni kważi 100 meters jiġifieri mid-daqqa stess jiġifieri jien għandi ritratti.

Pros: Tiftakar il-vettura din li daħlitek ġol-ħajt?

Xhud: Iva l-vettura kienet BMW bajda ma nafx eżatt in-numru imma l-oħra kienet dejjem BMW sewda.

Qorti: L-ohra x`igifieri li dahlet go fik x`kulur kienet?

Xhud: Kienet bajda bajda imma dak il-ħin, jiġifieri bl-impatt bejn daqqa ġol-ħajt bejn ippruvajt inżomm il-vann ma jmurlix

in-naħa l-oħra ġol-ħajt l-ieħor kienet f`inqas ħin possibbli. Minn hemm weġġajt għax weġġajt rasi ġol-ħġieġa, jiġifieri allavolja kont liebes seatbelt, is-seatbelt qasamli ħafna minn ġewwa.

Qorti: Min habat fik qed taghrfu hawnekk sinjur?

Xhud: M`ghandix idea aqqas naf min hu ghax jiena bqajt gol-vann jien minn gol-vann harguni jigifieri kien hemm tal-assistenza qatghu il-vann biex kelli nohrog jigifieri qatghu is-seat barra kienet naqra kerha.

Qorti: In-numru tal-vettura tiegħek x'inhi please?

Xhud: Tal-Vann kien 888 zgur ma niftakarx iktar.

Qorti: Semmejt xi ritratti sinjur?

Xhud: Fuq il-mobile.

Qorti: Le sinjur printed iridu jkunu.

Xhud: Kellhom xi ħaġa il-Pulizija stess ukoll xi filmati ukoll min-naħa tal-Pit Stop, jiġifieri niftakar sewwa zgur li kien hemm. Imma daqqa tant kienet kbira qed ngħidlek kbira mmens qed ngħidlek vann ma stajtx inżommu ippruvajt inżommu li ma jibqax dieħel ġol-ħajt.

Pros: Fejn laqtek huwa?

Xhud: Hu laqatnifuq in-naħa ta wara naħa tax-xellug tad-driver allura mbagħad awtomatikament il-vann dar qed ngħid li bin-nies ġewwa.

Pros: Nies kemm kellek?

Xhd: Sitta, mingħalija xi 6 kien hemm jiġifieri qed nipprova niftakar sewwa għax it-tnejn l-oħra ma ġewx ta' quddiem li kienu ġew ta' quddiem qed ngħilek kien joqtolhom zgur għax il-vann qed ngħidlek diżastru kien.

Pros: Imbagħad daqqa imbagħad inti bqajt?

Xhud: Mad-daqqa mbagħad inbżaqt lejn in-naħa l-oħra tat-triq. Fejn hemm il x'jismu il-karreġġjata tan-nofs.

Pros: Il-karreġġjata tan-naħa l-oħra?

Xhud: Ezatt kont fuq din in-naħa fuq is-slow lane tefaghni fuq il-ħajt minn fuq il-ħajt imbagħad ibbaawnsjajt erġajt bqajt sejjer jipprova jżomm il-vann ma jmurlix in-naħa l-oħra. Għalkemm kont inweġġa' jiġifieri dak il-ħin il-vann kien spiċċa kien diġà spiċċa bejn daqqa minn wara bejn daqqa ġol-ħajt.

Pros: U għedtilna kien hemm bżonn xi assistenza biex noħorġu minn ġol-vann?

Xhud: Harġuni minn gol-vann ghax il-vann qatgħuh biex kelli noħroġ.

Qorti: Xi gralek bhala konsegwenza tal-incident?

Xhud: Baqgħet tuġgħani idejja, jiġifieri bid-daqqa, jiġifieri tal-isteering baqgħet tuġghani l-idejja dejjem kelli internal bleeding fuq ġewwa bis-seatbelt u hekk u bqajt muġugħ għalkemm bħalissa qed nieħu painkillers imma ghalxejn. U minn dakinhar bqajt inbati l-konsegwenzi mma bħalma taf inti tibqa' trid tibqa' għaddej tibqa' taħdem issa muġuħ m'intix trid tibqa' taħdem xorta.

Qorti: Kontro Ezami għedtilna li għaddiet qabel il-ħabta għaddiet karozza BMW iswed u ċaqalqitek?

Xhud: Ijja bir-rih tiegħu iva ċaqalqitek.

Avu: Mil-liema naħa għaddiet?

Xhud: Tax-xufier jekk għax jien kont fuq in-naħa ta' ġewwa dak biss irnexxielu jaqbiżni ghax il-bqija l-ieħor daħal ġo fija.

Avu: Dak kollox sinjura.

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx provi fil-livell ta` *beyond a reasonable doubt* li juru li Jacob Cachia kien qed isuq il-vettur GAK OBB. Il-midrub ma kienx jaf min kien is-sewwieq u ma ingabu l-ebda passiggier li kienu fil-vettura misjuqa minnu.  Kelsy Zammit fl-ghassa kif jidher mill-affidavit ta` PS 627 D Gauci (pagna 6) issemmi biss l-isem Jacob u viva-voce ghazlet li ma tixhidx.   C-dok CCTV ma setghax jintwera fl-awla bl-equipment tal-awla. Ma ingabietx prova dwar l-ordni li l-imputat gie avzat jattendi l-Ghassa tal-Pulizija. Dan ifisser li l-imputat ma hu hati tal-ebda wahda mill-imputazzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1)( c) 355AD (3)(4)tal-Kap 9 u art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65  fil-L.S. 65.18Art 36(B) LS 65.11MVR 75 LS 65 MVR 27 LS 65 .11 Art 82(2)u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Jacob Cachia hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu  u tilliberah  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**